# KONKLUŻJONIJIET TA' L-AVUKAT ĠENERALI SHARPSTON

ippreżentati fil-5 ta' Diċembru 2006 [1]

1. Safejn hija rilevanti intenzjoni komuni fid-determinazzjoni ta' jekk, fil-kuntest tal-ħasil ta' flus miksuba mit-traffikar tad-drogi, l-azzjonijiet li għalihom imputat tressaq quddiem il-qorti f'żewġ Stati Membri differenti huma 'l-istess azzjonijiet' għall-finijiet ta' l-Artikolu 54 tal-Konvenzjoni li timplementa l-Ftehim ta' Schengen [2] (iktar 'il quddiem il-"KIFS")? L-azzjonijiet li l-prosekuzzjoni jew il-qrati aġġudikanti ta' l-ewwel Stat Membru ma kinux jafu bihom huma koperti minn dan il-kunċett? U jekk jinbdew proċedimenti kriminali oħra fit-tieni Stat Membru, u l-imputat jiġi kkundannat, il-qorti li tagħti s-sentenzi għandha tieħu in kunsiderazzjoni s-sentenza mogħtija fl-ewwel Stat Membru? Dawn, essenzjalment, huma d-domandi preliminari li l-Hof van Cassatie (il-Qorti tal-Kassazzjoni) Belġjana ressqet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

## Id-dispożizzjonijiet rilevanti

### *Il-KIFS*

2. Skond l-Artikolu 1 tal-Protokoll li jintegra l-*acquis* ta' Schengen fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea [3] (iktar 'il quddiem il-"Protokoll"), tlettax-il Stat Membru huma awtorizzati li jistabbilixxu kooperazzjoni aktar mill-qrib bejniethom fl-ambitu ta' dak li jissejjaħ l-'*acquis* ta' Schengen'.

3. L-Anness għall-Protokoll jiddefinixxi l-'*acquis* ta' Schengen' bħala li jinkludi l-Ftehim bejn il-Gvernijiet ta' l-Istati ta' l-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u tar-Repubblika Franċiża dwar l-abolizzjoni gradwali tal-

1 — Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 — ĠU 2000, L 239, p. 19.

3 — Anness mit-Trattat ta' Amsterdam mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ('TUE') u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

kontrolli fuq il-fruntieri komuni tagħhom, iffirmat f'Schengen fl-14 ta' Ġunju 1985 [4] (iktar 'il quddiem il-"Ftehim ta' Schengen"), u, b'mod partikolari, il-KIFS.

4. Il-Protokoll jipprovdi li, mid-data taddħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Amsterdam, jiġifieri mill-1 ta' Mejju 1999, l-*acquis* ta' Schengen għandu japplika immedjatament għat-tlettax-il Stat Membru msemmija fl-Artikolu 1 ta' dan il-Protokoll, inklużi l-Olanda u l-Belġju [5].

5. L-Artikoli 54 sa 58 tal-KIFS flimkien jiffurmaw il-Kapitolu 3, intitolat 'Applikazzjoni tal-prinċipju *ne bis in idem*' tat-Titolu III li, min-naħa tiegħu, huwa intitolat 'Pulizija u Sigurtà'.

6. L-Artikolu 54 jipprovdi li "[p]ersuna li l-każ tagħha jkun inqata' b'mod finali f'Parti Kontraenti waħda ma tistax tiġi mixlija f'Parti Kontraenti oħra għall-istess azzjonijiet sakemm, jekk tkun ġiet imposta penali, din tkun ġiet infurzata, tkun fil-fatt fil-proċess li tiġi infurzata jew ma tkunx tista' tiġi infurzata iżjed taħt il-liġijiet tal-Parti Kontraenti fejn tkun ingħatat is-sentenza".

7. L-Artikolu 55(1) jagħti d-dritt lil Parti Kontraenti li "meta tirratifika, taċċetta jew tapprova din il-Konvenzjoni, tiddikjara li hija m'hijiex marbuta bl-Artikolu 54" meta l-azzjonijiet li għandha x'taqsam magħhom is-sentenza barranija seħħew kompletament jew parzjalment fit-territorju tagħha stess, jikkostitwixxu reat kontra s-sigurtà nazzjonali jew kontra interessi oħra ugwalment essenzjali ta' dik il-Parti Kontraenti u/jew twettqu minn uffiċjali ta' dik il-Parti Kontraenti fi ksur tad-dmirijiet tal-kariga tagħhom.

8. L-Artikolu 56 jipprovdi li "[j]ekk tinġieb prosekuzzjoni oħra f'Parti Kontraenti kontra persuna li l-kawża tagħha, fir-rigward ta' l-istess azzjonijiet, tkun inqatgħat finalment f'Parti Kontraenti oħra, kull perijodu ta' detenzjoni fil-Parti Kontraenti ta' l-aħħar li jirriżulta minn dawk l-azzjonijiet għandu jitnaqqas minn kull penali imposta. Safejn dan ikun possibbli taħt il-liġi nazzjonali, penalitajiet li ma jinvolvux teħid ta' liberta' għandhom jitqiesu wkoll".

9. L-Artikolu 58 jipprovdi li "[i]d-dispożizzjonijiet li jidhru hawn fuq m'għandhomx iwaqqfu l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali iktar estensivi dwar il-prinċipju ta' *ne bis in idem* fir-rigward ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji meħuda f'pajjiżi barranin".

4 — ĠU 2000, L 239, p. 13.

5 — L-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 2(1). Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex tinterpreta d-dispożizzjonijiet tal-KIFS minħabba l-Artikolu 35 UE.

10. Skond l-Artikolu 71(1), li jinsab fil-Kapitolu 6 tal-KIFS intitolat 'Drogi Narkotiċi', il-Partijiet Kontraenti jimpenjaw irwieħhom li "jadottaw b'mod konformi mal-Konvenzjonijiet eżistenti tal-Ġnus Magħquda, il-miżuri kollha meħtieġa sabiex wieħed jipprevjeni u jikkastiga t-traffikar illeċitu ta' drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi". L-Artikolu 71(2) jeħtieġ li l-Partijiet Kontraenti "jipprevjenu u jikkastigaw permezz ta' miżuri amministrattivi u penali" l-esportazzjoni illegali, il-bejgħ, il-provvista u l-għoti ta' drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi. Skond l-Artikolu 71(5), il-Partijiet Kontraenti huma meħtieġa "jagħmlu l-almu tagħhom kollu sabiex jipprevjenu u jiġġieldu l-effetti negattivi li jirriżultaw mid-domanda illeċita" għal drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi ta' kull tip.

*Il-Konvenzjoni Unika dwar Drogi Narkotiċi tan-NU ta' l-1961*

11. Il-Konvenzjoni Unika dwar Drogi Narkotiċi tan-NU ta' l-1961, kif emendata mill-Protokoll ta' l-1972 (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni Unika") hija parti mill-*acquis* ta' l-Unjoni Ewropea taħt it-Titolu VI tat-TUE. L-Istati Membri jew huma parti għaliha jew, meta jissieħbu fl-UE, huma obbligati li jsiru parti għaliha.

12. L-Artikolu 36(1)(a) tal-Konvenzjoni Unika, intitolat 'Dispożizzjonijiet penali', jipprovdi li, bla ħsara għal-limitazzjonijiet kostituzzjonali tagħha, kull Parti għandha tadotta miżuri sabiex tiżgura li firxa ta' reati relatati mad-drogi, inklużi l-offerta għall-bejgħ, id-distribuzzjoni jew kull azzjoni oħra li, fl-opinjoni ta' din il-Parti, tmur kontra d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni Unika, ikunu kkunsidrati bħala reati, meta dawn isiru intenzjonalment, u li reati gravi jkunu punibbli b'piena adegwata, b'mod partikolari b'pieni ta' priġunerija jew b'pieni oħra li jċaħħdu mil-libertà.

13. Skond l-Artikolu 36(2)(a)(i) u (ii), bla ħsara għal-limitazzjonijiet kostituzzjonali ta' Parti, għas-sistema legali u għal-liġi domestika tagħha, kull wieħed minn dawk ir-reati għandu jitqies bħala ksur distint jekk jitwettqu f'pajjiżi differenti u l-operazzjonijiet finanzjarji marbuta ma' dawk ir-reati għandhom ukoll ikunu reati punibbli skond l-Artikolu 36(1).

*Id-dritt nazzjonali*

14. Fis-seduta, il-Gvern ta' l-Olanda spjega li fiż-żmien materjali ma kien hemm l-ebda dispożizzjoni speċifika fil-Kodiċi Penali Olandiż li tittratta r-reat tal-ħasil tal-flus. Madanakollu, sa l-2002, il-ħasil ta' flus miksuba mit-traffikar tad-drogi kien jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 416

tal-Kodiċi Penali li jipprovdi li huwa reat li wieħed jimmaniġġja proprjetà misruqa jew flus miksuba minnha. Sabiex persuna tiġi kkundannata għal dan ir-reat, huwa meħtieġ li dik il-persuna timmaniġġja l-proprjetà jew il-flus miksuba minnha bl-għarfien li l-proprjetà nkisbet billi twettaq reat serju. It-traffikar fid-drogi illeċiti jitqies bħala tali reat.

15. L-Artikolu 505 tal-Kodiċi Kriminali Belġjan jipprojbixxi t-traffikar, l-akkwist, il-pussess, l-immaniġġjar jew in-negozju ta' oġġetti ddefiniti skond l-Artikolu 42(3) tal-Kodiċi bħala li nkisbu permezz ta' attività kriminali. Fuq din il-bażi, l-immaniġġjar u l-ħasil ta' flus miksuba mit-traffikar ta' drogi illeċiti huma projbiti fil-Belġju.

16. L-Artikolu 65 tal-Kodiċi Kriminali Belġjan jipprovdi dan li ġej:

"Meta l-istess azzjoni tikkostitwixxi diversi reati jew meta diversi reati, li fir-rigward tagħhom tkun qiegħda titmexxa azzjoni kriminali simultanjament quddiem l-istess qorti, jikkostitwixxu l-manifestazzjoni suċċessiva u kontinwa ta' l-istess intenzjoni kriminali, għandha tingħata l-piena l-aktar iebsa biss.

Meta l-qorti tikkonstata li reati li diġà kienu s-suġġett ta' sentenza finali u azzjonijiet oħra li fir-rigward tagħhom tkun qiegħda titmexxa azzjoni kriminali quddiemha u li, jekk jitqiesu bħala provati, seħħew qabel l-imsemmija sentenza u jikkostitwixxu flimkien mar-reati msemmija qabel il-manifestazzjoni suċċessiva u kontinwa ta' l-istess intenzjoni kriminali, il-qorti għandha tieħu in kunsiderazzjoni, meta tiġi sabiex tiffissa l-piena, il-pieni li diġà ngħataw. Jekk fil-fehma tagħha dawn il-pieni huma biżżejjed bħala kastig għar-reati kollha, hija għandha ssib lill-imputat ħati u fis-sentenza tagħha għandha tirreferi għall-pieni li diġà ġew imposti. Il-pieni totali imposti skond dan l-artikolu ma jistgħux jeċċedu l-massimu tal-piena l-aktar iebsa" [6].

## Il-proċeduri nazzjonali u d-domandi preliminari

17. F'Diċembru 1998, l-Arrondissementsrechtbank Middelburg (il-Qorti Distrettwali ta' Middelburg), l-Olanda, ikkundannat lis-Sinjura Kraaijenbrink, ċittadina Olandiża, għal piena sospiża ta' sitt xhur ħabs għal diversi reati taħt l-Artikolu 416 tal-Kodiċi Penali Olandiż talli, bejn Ottubru 1994 u

6 — Traduzzjoni tiegħi. It-test oriġinali jgħid: 'Lorsque un même fait constitue plusieurs infractions ou lorsque différentes infractions soumises simultanément au même juge du fond constituent la manifestation successive et continue de la même intention délictueuse, la peine la plus forte sera seule prononcée.
Lorsque le juge de fond constate que des infractions ayant antérieurement fait l'objet d'une décision définitive et d'autres faits dont il est saisi et qui, à les supposer établis, sont antérieurs à ladite décision et constituent avec les premières la manifestation successive et continue de la même intention délictueuse, il tient compte, pour la fixation de la peine, des peines déjà prononcées. Si celles-ci lui paraissent suffire à une juste répression de l'ensemble des infractions, il se prononce sur la culpabilité et renvoie dans sa décision aux peines déjà prononcées. Le total des peines prononcées en application de cet article ne peut excéder le maximum de la peine la plus forte'.

Mejju 1995 fl-Olanda, irċeviet u mmaniġġjat flus miksuba mit-traffikar tad-drogi [7].

18. F'April 2001, il-Correctionele Rechtbank te Gent (il-Qorti Kriminali ta' Ghent), il-Belġju, ikkundannat lis-Sinjura Kraaijenbrink għal sentejn ħabs talli wettqet diversi reati taħt l-Artikolu 505 tal-Kodiċi Kriminali Belġjan billi fil-Belġju, bejn Novembru 1994 u Frar 1996, skambjat somom li rċeviet min-negozju ta' drogi narkotiċi fl-Olanda. F'Marzu 2005, dik is-sentenza kienet ikkonfermata mill-Awla Kriminali tal-Hof van Beroep te Gent (il-Qorti ta' l-Appell ta' Ghent).

19. B'referenza għall-Artikolu 71 tal-KIFS u għall-Artikolu 36(2)(a)(i) u (ii) tal-Konvenzjoni Unika, iż-żewġ qrati fil-Belġju ddeċidew li l-appellanta ma setgħetx tistrieħ fuq l-Artikolu 54 tal-KIFS. Huma qiesu li r-reati tar-riċettazzjoni u ta' l-immaniġġjar ta' flus miksuba mit-traffikar tad-drogi mwettqa fl-Olanda u r-reati mwettqa fil-Belġju li kienu relatati ma' l-iskambju ta' somom miksuba min-negozju fi drogi narkotiċi fl-Olanda kellhom jitqiesu bħala reati separati. U dan minkejja l-intenzjoni komuni sottostanti r-reati tal-ħasil tal-flus fl-Olanda u fil-Belġju.

7 — Fl-istess sentenza, is-Sinjura Kraaijenbrink kienet ikkundannata wkoll talli bejn Ottubru 1994 u Frar 1997 kisret b'mod intenzjonali l-Liġi dwar l-Oppju ta' l-Olanda.

20. F'appell ulterjuri quddiem il-Hof van Cassatie, is-Sinjura Kraaijenbrink argumentat li l-proċeduri kriminali fil-Belġju kienu projbiti skond il-prinċipju ta' *ne bis in idem* fl-Artikolu 54 tal-KIFS.

21. Il-Hof van Cassatie ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"(1) L-Artikolu 54 tal-[KIFS], moqri flimkien ma' l-Artikolu 71 ta' dak il-ftehim, għandu jiġi interpretat fis-sens li r-reati kriminali li persuna takkwista jew ikollha disponibbli fl-Olanda jew li titrasferixxi minn hemmhekk somom ta' flus f'muniti barranin miksuba min-negozju fi drogi narkotiċi (reati li fir-rigward tagħhom tmexxiet azzjoni kriminali u nkisbet, fl-Olanda, kundanna għal riċettazzjoni u mmaniġġjar bi ksur ta' l-Artikolu 416 tal-Kodiċi Kriminali), li huma differenti mir-reati kriminali li jikkonsistu fl-iskambju, f'uffiċċji tal-kambju, fil-Belġju, tas-somom rilevanti ta' flus miksuba min-negozju fi drogi narkotiċi li ġew riċevuti fl-Olanda (li fir-rigward tagħhom tmexxiet azzjoni kriminali fil-Belġju bħala r-reat ta' riċettazzjoni u mmaniġġjar u t-twettiq ta' azzjonijiet oħra fir-rigward ta' oġġetti b'oriġini kriminali, bi ksur ta' l-Artikolu 505 tal-Kodiċi Kriminali), għandhom jitqiesu bħala 'l-istess azzjonijiet' għall-

finijiet ta' l-Artikolu 54 imsemmi iktar 'il fuq meta l-qrati jistabbilixxu li kellhom intenzjoni komuni u għalhekk legalment jikkostitwixxu azzjoni waħda?

(2) Jekk tingħata tweġiba pożittiva għall-ewwel domanda:

L-espressjoni 'ma tistax tiġi mixlija [...] għall-istess azzjonijiet' fl-Artikolu 54 tal-[KIFS] għandha tiġi interpretata fis-sens li 'l-istess azzjonijiet' jistgħu jkunu kkostitwiti wkoll minn azzjonijiet differenti li għandhom l-istess intenzjoni, u li b'hekk jikkostitwixxu azzjoni waħda, li jkun ifisser li imputat ma jistax jiġi mixli aktar għar-reat tal-ħasil tal-flus fil-Belġju ladarba jkun ġie kkundannat b'mod xieraq fl-Olanda għal reati oħra mwettqa bl-istess intenzjoni, irrispettivament minn kwalunke reati oħra mwettqa matul l-istess perijodu imma li saru magħrufa jew li fir-rigward tagħhom tmexxiet azzjoni kriminali fil-Belġju biss wara d-data tas-sentenza definittiva barranija, jew, f'tali każ, dik l-espressjoni għandha tiġi interpretata fis-sens li l-qorti li tiddetermina l-mertu tista' sussidjarjament tagħti kundanna rigward dawn l-azzjonijiet l-oħra, fil-waqt li tieħu in kunsiderazzjoni l-pieni diġà imposti, sakemm ma tqisx li dawk il-pieni l-oħra, fil-fehma tagħha, jikkostitwixxu kastig biżżejjed għar-reati kollha, u filwaqt li tiżgura li t-totalità tal-pieni imposti ma tistax teċċedi l-massimu tal-piena l-aktar iebsa?"

22. Is-Sinjura Kraaijenbrink, l-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, il-Greċja, il-Polonja, Spanja u l-Kummissjoni ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub. Saru osservazzjonijiet orali mis-Sinjura Kraaijenbrink, mill-Awstrija, mill-Greċja, minn Spanja u mill-Kummissjoni fis-seduta ta' l-4 ta' Lulju 2006. L-Olanda ressqet osservazzjonijiet fis-seduta biss. Bħal fi Kretzinger [8], l-osservazzjonijiet bil-miktub kienu ppreżentati qabel is-sentenza Van Esbroeck [9]. Madankollu, is-seduta saret wara li ngħatat is-sentenza f'dik il-kawża.

## Evalwazzjoni

*Osservazzjonijiet preliminari*

23. L-ewwelnett, mill-atti tal-kawża jidher li l-imputata ġiet ikkundannata talli mmaniġġjat u ħaslet flus miksuba mit-traffikar ta' drogi illeċiti kemm fil-Belġju kif ukoll fl-Olanda. Madankollu, mill-ordni tar-rinviju mhuwiex ċar, kif innotaw diversi partijiet, jekk is-somom ta' flus immaniġġjati u maħsula fiż-żewġ pajjiżi kinux miksuba

8 — Kawża C-288/05, bħalissa pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, fejn jiena wkoll ippreżentajt il-Konklużjonijiet tiegħi llum.

9 — Sentenza tad-9 ta' Marzu 2006 (C-436/04, Ġabra p. I-2333).

mill-istess operazzjonijiet tat-traffikar tad-drogi illeċiti jew kinux parti mill-istess flus b'oriġini kriminali.

24. It-tieni nett, il-qorti tar-rinviju tindika li peress li "l-iskambju [fil-Belġju], fl-uffiċċji tal-kambju, ta' somom ta' flus miksuba min-negozju fid-drogi narkotiċi u r-riċettazzjoni [fl-Olanda] ta' somom ta' flus min-negozju fid-drogi narkotiċi, [...] huma marbuta bl-istess intenzjoni li jkun hemm negozju f'oġġetti illeċiti", dawn l-azzjonijiet jikkostitwixxu azzjoni waħda fis-sens ta' l-Artikolu 65 tal-Kodiċi Kriminali Belġjan. Fi kliem ieħor, li kieku l-attività li fuqha kienu bbażati l-kundanni fl-Olanda u fil-Belġju tiġi evalwata biss taħt il-liġi Belġjana, hija tiġi kkaratterizzata bħala azzjoni waħda minħabba li l-intenzjoni sottostanti hija komuni.

*L-ewwel domanda*

25. Bl-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk żewġ reati distinti mwettqa f'żewġ Stati Membri differenti li huma marbuta b'intenzjoni kriminali komuni jaqgħux, minħabba dan il-fatt, fid-definizzjoni ta' 'l-istess azzjonijiet' li tinsab fl-Artikolu 54 tal-KIFS. Hija tixtieq tkun taf ukoll jekk ir-risposta għal din id-domanda hijiex affettwata mill-Artikolu 71 tal-KIFS, u mill-Konvenzjoni Unika li għaliha hemm referenza indiretta f'dan l-artikolu, fejn għandhom x'jaqsmu l-obbligi ta' l-Istati Membri rigward il-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu tad-drogi narkotiċi u tas-sustanzi psikotropiċi.

26. L-ordni tar-rinviju jirreferi għal 'reati kriminali' aktar milli għal azzjonijiet. F'Van Esbroeck, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-interess legali protett jew il-klassifikazzjoni legali ta' l-azzjonijiet mhumiex rilevanti għall-finijiet ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS. Għalhekk, huwa xieraq li l-ewwel domanda tiġi rriformulata bħala li qed tistaqsi safejn intenzjoni kriminali komuni hija rilevanti sabiex jiġi ddeterminat jekk l-azzjonijiet li dwarhom imputat tressaq quddiem il-qorti f'żewġ Stati Membri differenti humiex 'l-istess azzjonijiet' għall-finijiet ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS.

Evalwazzjoni

— 'L-istess azzjonijiet'

27. Kif diġà osservajt fil-Konklużjonijiet tiegħi fi Kretzinger [10], il-kwistjonijiet imqajma fl-ewwel domanda issa ġew solvuti

10 — Iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8 aktar 'il fuq, punti 35 sa 37.

mis-sentenza Van Esbroeck [11], kif ġie kkonfermat mill-ġurisprudenza sussegwenti [12]. Minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li l-identiċità tal-fatti materjali biss, mifhuma bħala "l-eżistenza ta' ġabra ta' ċirkustanzi konkreti inseparabbilment marbuta bejniethom" [13], hija rilevanti sabiex ikun iddeterminat jekk japplikax l-Artikolu 54 tal-KIFS. Din l-evalwazzjoni, skond il-Qorti tal-Ġustizzja, teħtieġ li jiġi ddeterminat "jekk il-fatti materjali in kwistjoni jikkostitwixxu[x] ġabra ta' azzjonijiet inseparabbilment marbuta fiż-żmien, fl-ispazju kif ukoll permezz tas-suġġett tagħhom" [14].

28. Fuq din il-bażi, naqbel mal-maġġoranza tal-partijiet li ppreżentaw osservazzjonijiet li intenzjoni kriminali komuni sottostanti l-azzjonijiet materjali mhijiex biżżejjed, minnha nfisha, sabiex tikklassifikahom bħala 'l-istess azzjonijiet' fis-sens ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS. Tabilħaqq, l-intenzjoni komuni tista' tkun fattur li għandu jittieħed in kunsiderazzjoni, kif diġà osservajt fil-Konklużjonijiet tiegħi fi Kretzinger [15]. Madankollu, l-azzjonijiet jridu jkunu marbuta wkoll fiż-żmien u fl-ispazju.

29. Kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà għamlitha ċara f'Van Esbroeck [16], huma l-qrati nazzjonali li jridu jiddeċiedu jekk, fuq il-fatti tal-każ partikolari, l-azzjonijiet in kwistjoni humiex inseparabbilment marbuta bejniethom. Madankollu, jista' jkun utli fil-kawża prinċipali jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tagħti xi gwida f'dan ir-rigward.

30. In-natura xotta ta' l-ordni tar-rinviju ma tagħmilx dan il-kompitu partikolarment faċli. Il-qorti tar-rinviju tindika li fil-kawża prinċipali ma ġiex stabbilit b'mod definittiv jekk is-somom ta' flus maħsula fil-Belġju kinux miksuba min-negozju fid-drogi narkotiċi fl-Olanda li għar-riċettazzjoni u għall-immaniġġjar tar-rikavat minn dan in-negozju s-Sinjura Kraaijenbrink ġiet ikkundannata fil-qorti Olandiża. Madankollu, b'referenza għas-sejbiet tal-qrati inferjuri Belġjani, is-Sinjura Kraaijenbrink qed tinsisti li l-operazzjonijiet tal-ħasil tal-flus fl-Olanda u fil-Belġju kienu jikkonċernaw l-istess somom ta' flus miksuba mill-istess traffikar illeċitu.

31. Il-ħasil tal-flus ġeneralment jinvolvi katina ta' tranżazzjonijiet finanzjarji maħsuba sabiex jgħattu l-oriġini illegali tal-flus u sabiex jirriċiklawhom fiċ-ċirkolazzjoni bħala munita legali. Somma ta' flus ġeneralment tinħasel permezz ta' diversi tranżazzjonijiet, li wħud minnhom jistgħu jinkludu diversi

11 — Iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9 aktar 'il fuq. Ara wkoll il-punt 22 aktar 'il fuq.

12 — Ara s-sentenzi tat-28 ta' Settembru 2006, Van Straaten (C-150/05, Ġabra p. I-9327) u Gasparini *et* (C-467/04, Ġabra p. I-9199).

13 — Punt 36.

14 — Punt 38.

15 — Punt 39.

16 — Punt 38.

kambji ta' munita li jitwettqu kambju wara l-ieħor f'postijiet differenti. Is-somma tal-flus li tirriżulta tkun ta' spiss inqas mis-somma oriġinali u tista' tkun f'munita differenti.

32. Jiena naqbel mal-Kummissjoni li jekk l-operazzjonijiet tal-ħasil tal-flus fil-Belġju kienu jikkonċernaw somom ta' flus li huma inseparabbilment marbuta mas-somom ta' flus li kienu mmaniġġjati fl-Olanda u li għar-riċettazzjoni jew għall-immaniġġjar tagħhom kienet ikkundannata hemmhekk is-Sinjura Kraaijenbrink, dawn jammontaw għall-'istess azzjonijiet' skond l-Artikolu 54 tal-KIFS. Dan jista' jkun il-każ, per eżempju, meta l-flus maħsula fit-tieni Stat Membru kienu jiffurmaw parti mir-rikavat oriġinali mit-traffikar tad-drogi illeċiti fl-ewwel Stat Membru, imma fi stadju aktar tard fil-katina tal-ħasil tal-flus. Barra minn intenzjoni kriminali komuni dawn l-azzjonijiet ikunu anki marbuta materjalment, fl-ispazju u fiż-żmien.

33. Jekk, għall-kuntrarju, il-flus 'maħmuġin' li s-Sinjura Kraaijenbrink ħaslet fil-Belġju mhumiex relatati mal-flus 'maħmuġin' immaniġġjati fl-Olanda, dawn l-azzjonijiet mhumiex inseparabbilment marbuta bejniethom għalkemm it-tnejn li huma jistgħu jkunu relatati ma' operazzjonijiet ta' traffikar ta' drogi illeċiti u għandhom intenzjoni kriminali komuni, jiġifieri li jkun hemm benefiċċju finanzjarju minn rikavat kriminali. Dan ikun il-każ, per eżempju, fejn il-flus jinkisbu minn reati relatati mad-drogi mwettqa f'pajjiżi differenti fi żminijiet differenti u fejn dawk il-flus ġew riċevuti jew inħaslu fi żminijiet differenti biżżejjed sabiex tinkiser il-konnessjoni temporali.

34. F'Van Straaten [17] il-qorti tar-rinviju essenzjalment staqsiet jekk iż-żewġ azzjonijiet ta' pussess ta' erojina f'żewġ Stati Membri kinux jikkostitwixxu 'l-istess azzjonijiet' skond l-Artikolu 54 tal-KIFS fejn l-ewwel azzjoni kienet tikkonċerna parti żgħira minn kunsinna akbar ta' erojina li min wettaq ir-reat kien akkużat li kellu fil-pussess tiegħu fit-tieni Stat Membru u fejn il-kompliċi li allegatament ipparteċipaw fl-azzjonijiet fiż-żewġ Stati Membri kienu differenti.

35. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "fir-rigward tar-reati marbuta ma' l-istupefaċenti, mhuwiex meħtieġ li l-kwantitajiet ta' droga in kwistjoni fiż-żewġ Stati Kontraenti jew li l-persuni li allegatament ipparteċipaw fl-azzjonijiet fiż-żewġ Stati jkunu l-istess" sabiex japplika l-Artikolu 54 tal-KIFS [18]. Għaldaqstant, mhuwiex eskluż li sitwazzjoni li fiha tali identiċità tkun nieqsa tikkonstitwixxi xorta waħda ġabra ta' fatti li, minħabba n-natura tagħhom stess, ikunu marbuta b'mod inseparabbli [19].

17 — Iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 12 aktar 'il fuq.

18 — Punt 49.

19 — Punt 50.

36. Irrid nibda billi ninnota li l-applikazzjoni litterali ta' dawn id-dikjarazzjonijiet għal kwalunkwe reat ta' traffikar tad-drogi tista' tipproduċi riżultati mhux mixtieqa. Kundanna għal pussess jew immaniġġjar ta' kwantità żgħira ta' drogi fi Stat Membru wieħed, fil-fehma tiegħi, m'għandhiex teskludi awtomatikament proċeduri kriminali ulterjuri għall-pussess jew għall-immaniġġjar ta' kwantitajiet sostanzjalment akbar ta' l-istess drogi fi Stat Membru ieħor, irrispettivament minn jekk jiffurmawx parti mill-istess kunsinna [20]. Jidher li huwa aħjar jekk id-dikjarazzjonijiet li għadni kemm iċċitajt minn Van Straaten jinqraw bħala applikazzjoni *ad hoc* tar-regola ġenerali li l-identiċità kompleta tal-fatti materjali — f'dan il-każ irrappreżentati mill-kwantità tad-drogi u mill-identità tal-kompliċi — mhijiex rekwiżit sabiex japplika l-Artikolu 54 tal-KIFS. Anzi, dawk id-dikjarazzjonijiet jagħtu lill-qorti nazzjonali ċerta diskrezzjoni sabiex tevalwa x'jikkostitwixxi l-istess azzjonijiet fiċ-ċirkustanzi tal-każ.

37. Jekk wieħed iżomm f'moħħu dawn il-kwalifiki, Van Straaten tappoġġja l-fehma li differenza fis-somom immaniġġjati fl-Olanda u fil-Belġju, *per se,* ma tipprekludix li l-azzjonijiet jitqiesu bħala l-istess għall-finijiet ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS. Madankollu, kif diġà għidt, dik 'ir-rabta inseparabbli hija kwistjoni li trid tiddeċidiha l-qorti tar-rinviju fuq l-evidenza li jkollha quddiemha fil-kawża prinċipali.

38. Għal finijiet ta' kompletezza, inżid ngħid li skond l-Artikolu 58 tal-KIFS, l-Istati Membri jitħallew japplikaw interpretazzjoni aktar ġeneruża tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* taħt il-liġi nazzjonali. Għaldaqstant, ma jkunx kuntrarju għall-Artikolu 54 tal-KIFS li l-liġi nazzjonali tiġi interpretata b'tali mod li l-azzjonijiet in kwistjoni jiġu trattati bħala l-istess azzjonijiet li għalihom tmexxiet azzjoni kriminali kontra s-Sinjura Kraaijenbrink fl-Olanda minħabba li għandhom l-istess intenzjoni, anki jekk mhumiex ibbażati fuq l-istess fatti materjali għall-finijiet ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS.

— L-Artikolu 71 tal-KIFS u l-Artikolu 36(2) tal-Konvenzjoni Unika

39. Rigward l-Artikolu 71 tal-KIFS u l-Artikolu 36(2) tal-Konvenzjoni Unika, il-maġġoranza tal-partijiet isostnu li l-ebda wieħed minnhom m'huwa rilevanti għall-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS. Jiena naqbel magħhom.

20 — B'hekk, niddubita li l-immaneġġjar ta' 50 grammi erojina fi Stat Membru wieħed u ta' 5 kilogrammi ta' l-istess droga fi Stat Membru ieħor għandhom awtomatikament jiġu trattati bħala l-istess azzjoni, anki jekk iż-żewġ lottijiet ikunu parti mill-istess kunsinna.

40. Huwa minnu li l-Artikolu 36(2) tal-Konvenzjoni Unika, li għaliha jirreferi l-Artikolu 71 tal-KIFS, jeħtieġ li r-reati li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, jekk jitwettqu f'pajjiżi differenti, għandhom jitqiesu bħala reati differenti. Madankollu, jekk wieħed jassumi li l-ħasil ta' flus miksuba mit-traffikar tad-drogi huwa reat li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 36(2) [21], il-Qorti tal-Ġustizzja f'Van Esbroeck sostniet b'mod espliċitu li "l-Artikolu 71 [tal-KIFS] ma fih ebda element li jipprova jillimita l-kamp ta' applikazzjoni ta' l-imsemmi Artikolu 54" [22]. Fil-fehma tal-Qorti tal-Ġustizzja, "[m]inn dan jirriżulta li r-referenza magħmula għall-Artikolu 71 tal-KIFS għall-Konvenzjonijiet eżistenti tal-Ġnus Magħquda ma tistax tiġi kkunsidrata bħala li tostakola l-applikazzjoni tal-prinċipju *ne bis in idem* stabbilit fl-Artikolu 54 tal-KIFS li jipprojbixxi biss il-pluralità ta' proċedimenti kontra persuna għall-istess azzjonijiet mingħajr ma għaldaqstant iwassal għal sitwazzjoni fejn xi azzjonijiet ma jibqgħux jikkostitwixxu reati fit-territorju Schengen" [23].

41. Fil-fehma tiegħi dawn id-dikjarazzjonijiet japplikaw anki f'dan il-każ. L-Artikolu 71 tal-KIFS, li ġie abbozzat f'termini ferm ġenerali u jimponi fuq il-Partijiet Kontraenti obbligu ġenerali sabiex jippenalizzaw ir-reati kollha relatati mat-traffikar tad-drogi, ma jipprovdi għall-ebda deroga mill-prinċipju ta' *ne bis in idem* f'dan il-qafas u lanqas ma jippermetti li reat relatat mad-drogi jiġi ppenalizzat darbtejn fil-kuntest ta' Schengen.

42. Rigward il-Konvenzjoni Unika, din kienet adottata fl-1961 minn konvenzjoni intergovernattiva u kienet maħsuba sabiex tapplika għal Stati sovrani indipendenti. Il-Kummissjoni qed targumenta, fil-fehma tiegħi b'mod persważiv, li ma jagħmilx sens li l-Konvenzjoni Unika tiġi applikata għaż-żona Schengen, li nħolqot aktar minn 30 sena wara u li kienet maħsuba sabiex tikseb aktar integrazzjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni fil-qasam tal-pulizija u kooperazzjoni ġudizzjarja fost il-Partijiet Kontraenti tagħha [24].

43. F'tali żona integrata, li hija bbażata fuq il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka [25] u fejn il-miżuri sabiex ikun miġġieled it-traffikar tad-drogi illeċiti għandhom jiġu adottati b'mod progressiv fuq livell supranazzjonali pjuttost milli fuq livell nazzjonali [26], l-obbligu fl-Artikolu 36 tal-Konvenzjoni Unika sabiex jitqiesu bħala distinti r-reati mwettqa f'pajjiżi differenti jitlef l-iskop tiegħu. Fil-fehma tiegħi, l-obbligu taħt l-Artikolu 71 tal-KIFS sabiex il-Partijiet Kontraenti jadottaw il-miżuri meħtieġa sabiex jiġġieldu t-traffikar tad-droġi illeċiti skond il-Konvenzjonijiet

21 — Il-Kummissjoni tieħu l-pożizzjoni li dan mhuwiex il-każ. Meta jitqies kemm huwa wiesa' l-kuntest ta' l-Artikolu 36(2) (ara l-punt 11 aktar 'il fuq), huwa diffiċli li wieħed jara kif dan jista' jkun korrett.

22 — Punt 40.

23 — Punt 41.

24 — Fl-istess sens, ara l-Konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer f'Van Esbroeck, iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9 aktar 'il fuq, punti 53 sa 58.

25 — Ara s-sentenza tal-11 ta' Frar 2003, Gözütok u Brügge (C-187/01 u C-385/01, Ġabra p. I-1345, punti 32 u 33).

26 — Ara l-Artikoli 70 u 71(3) tal-KIFS li jeħtieġu li l-Partijiet Kontraenti jżidu l-isforzi tagħhom lejn kooperazzjoni fil-qlieda kontra t-traffikar tad-drogi illeċiti.

tan-Nazzjonijiet Uniti eżistenti jista' japplika biss sakemm dawk il-konvenzjonijiet ikunu rilevanti għall-finijiet tal-ftehim ta' Schengen.

44. Għaldaqstant, inqis li l-frażi 'l-istess azzjonijiet' fl-Artikoli 54 u 56 tal-KIFS tirreferi għall-identiċità tal-fatti materjali, mifhuma bħala ġabra ta' ċirkustanzi konkreti inseparabbilment marbuta bejniethom fiż-żmien, fl-ispazju kif ukoll permezz tas-suġġett tagħhom. L-eżistenza ta' intenzjoni kriminali komuni tista' tkun rilevanti meta jiġi evalwat jekk dawn it-tliet kriterji ġewx sodisfatti imma mhijiex kriterju minnha nfisha. Din l-interpretazzjoni ma tiġix affettwata mill-Artikolu 71 tal-KIFS jew mill-Artikolu 36(2) tal-Konvenzjoni Unika dwar Drogi Narkotiċi tan-NU ta' l-1961.

*It-tieni domanda*

45. It-tieni domanda tinqala' biss fil-każ li l-ewwel domanda tingħata r-risposta (pożittiva) li intenzjoni komuni hija kundizzjoni biżżejjed minnha nfisha sabiex ir-reati jiġu klassifikati bħala 'l-istess azzjonijiet' fis-sens ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS. Jien indikajt li ma nqisx li dan huwa l-każ. Madankollu, nipproponi li neżamina fil-qosor it-tieni domanda f'każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li tirrispondi l-ewwel domanda fil-pożittiv.

46. Il-mod kif ġiet ifformulata t-tieni mistoqsija mhuwiex preċiż u huwa miftuħ għal interpretazzjonijiet differenti. Kif qrajtha jiena, tikkonsisti f'żewġ partijiet.

47. L-ewwel nett, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk, meta wieħed jassumi li l-kunċett ta' 'l-istess azzjonijiet' fl-Artikolu 54 tal-KIFS ikopri azzjonijiet li huma differenti imma li huma unifikati mill-istess intenzjoni kriminali, dan il-kunċett jistax jiġi estiż sabiex ikopri reati oħra mwettqa matul l-istess perijodu li huma sussidjarji jew addizzjonali għar-reat ippenalizzat fl-ewwel sentenza, imma li saru magħrufa jew li firrigward tagħhom tmexxiet azzjoni kriminali fit-tieni Stat Membru wara l-ewwel sentenza, jew jekk il-qorti fit-tieni Stat Membru tistax tikkundanna sussidjarjament dawn l-azzjonijiet l-oħra.

48. Jekk dan ta' l-aħħar huwa l-każ, il-qorti tar-rinviju, fit-tieni parti tad-domanda tagħha, tistaqsi jekk il-qorti fit-tieni Stat Membru għandhiex tieħu in kunsiderazzjoni sentenzi li diġà ġew imposti fl-ewwel Stat

Membru sabiex tkun iddeterminata, skond il-liġi nazzjonali, is-sentenza li għandha tiġi imposta.

49. Fil-fehma tiegħi, ir-risposta għall-ewwel parti għandha ssegwi l-istess raġunament li esponejt fir-risposta għall-ewwel domanda. Skond Van Esbroeck, jekk l-azzjonijiet li jagħtu lok għal reati sussidjarji huma inseparabbilment marbuta fiż-żmien, fl-ispazju kif ukoll permezz tas-suġġett tagħhom ma' l-azzjonijiet li jiffurmaw il-bażi tal-kundanna fl-ewwel Stat Membru, japplika l-Artikolu 54 tal-KIFS, sakemm jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet l-oħra kollha tiegħu [27]. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-qorti nazzjonali tista' tmexxi l-azzjoni kriminali kontra l-imputat għal reati sussidjarji, peress li, skond din id-dispożizzjoni, l-azzjonijiet allegati ma jaqgħux taħt il-kunċett ta' 'l-istess azzjonijiet'.

50. Il-fatt li l-azzjonijiet anċillari ma kinux magħrufa f'dak iż-żmien, jew ma kinux aġġudikati matul il-kawża fl-ewwel Stat Membru, ma jdgħajjifx din il-konklużjoni. Ma hemm xejn fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kunċett ta' 'l-istess azzjonijiet' fl-Artikolu 54 tal-KIFS li jindika li l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu huwa limitat għal azzjonijiet li fiż-żmien materjali kienu magħrufa mill-prosekuzzjoni jew mill-qrati aġġudikanti ta' l-ewwel Stat Membru. Għaldaqstant, xejn ma jwaqqaf lill-qrati tat-tieni Stat Membru milli jsibu li tali azzjonijiet huma 'inseparabbilment marbuta' ma' l-azzjonijiet li jikkostitwixxu s-suġġett tal-kawża preċedenti, u għalhekk milli jitqiesu bħala 'l-istess azzjonijiet'.

51. Għall-kuntrarju, il-Qorti tal-Ġustizzja f'Van Straaten [28] iddikjarat li l-Artikolu 54 tal-KIFS ma jeħtieġx li l-fatti materjali kollha, meqjusa fiż-żewġ kawżi, jkunu identiċi. F'dak il-każ, ċirkustanzi li ma ttieħdux in kunsiderazzjoni mill-qorti fl-ewwel Stat Membru imma li tqiesu mill-qorti fit-tieni [29] ma waqqfux lill-Qorti tal-Ġustizzja milli tikkonstata li l-azzjonijiet in kwistjoni setgħu jammontaw għall-istess azzjonijiet skond l-Artikolu 54 tal-KIFS.

52. F'dan il-każ jista' jiġi applikat raġunament simili. Azzjonijiet li huma anċillari jew addizzjonali għall-azzjonijiet prinċipali li huma s-suġġett tal-kawżi preċedenti, imma li huma stess ma kinux ittieħdu in kunsiderazzjoni f'dawk il-kawżi, jaqgħu taħt il-kunċett ta' 'l-istess azzjonijiet' għall-finijiet ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS jekk l-azzjonijiet kollha huma inseparabbilment marbuta bejniethom fiż-żmien, fl-ispazju kif ukoll per-

27 — Dwar il-kundizzjonijiet l-oħra sabiex japplika l-Artikolu 54 tal-KIFS, jiġifieri, li l-kawża trid tkun inqatgħet definittivament (il-kundizzjoni tal-'finalità') u, jekk tkun ġiet imposta piena, li din tkun ġiet infurzata, qiegħda effettivament fil-proċess li tkun infurzata jew ma tistax tiġi infurzata aktar skond il-liġijiet tal-Parti Kontraenti li ħarġet is-sentenza (il-kundizzjoni ta' l-'infurzar'), ara l-Konklużjonijiet tiegħi fi Kretzinger, iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, u f'Gasparini *et*, iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 12 aktar 'il fuq.

28 — Iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 12 aktar 'il fuq.

29 — Jiġifieri, il-pussess ta' erba' kilogrammi erojina aktar u l-parteċipazzjoni ta' kompliċi differenti.

mezz tas-suġġett tagħhom. Jekk dan huwiex il-każ fid-dawl tal-fatti hija kwistjoni li trid tiddeterminaha l-qorti nazzjonali.

53. It-tieni parti tad-domanda essenzjalment tistaqsi jekk il-qorti li qed tisma' t-tieni kawża għandhiex tieħu in kunsiderazzjoni l-pieni li ġew imposti fl-ewwel kawża għall-istess azzjonijiet jekk tiddeċiedi li timponi sentenza fuq l-imputat rigward dawk l-azzjonijiet anċillari jew addizzjonali.

54. Jidher ċar li, jekk l-azzjonijiet anċillari jew addizzjonali jitqiesu bħala l-istess azzjonijiet fis-sens ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS, il-qorti li qed tisma' t-tieni kawża, jekk il-kundizzjonijiet l-oħra kollha jiġu sodisfatti, ma tistax tkompli tisma' l-kawża kriminali kontra u tikkundanna *a fortiori* lill-imputat. Għalhekk, il-kwistjoni ta' jekk il-pieni preċedenti għandhomx jitqiesu ma tqumx.

55. Is-sitwazzjoni hija differenti meta, anki jekk l-azzjonijiet anċillari jew addizzjonali jitqiesu bħala l-istess azzjonijiet, il-kundizzjonijiet l-oħra għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS ma jkunux sodisfatti [30]. F'dan il-każ, risposta għat-tieni parti għandha tintlaħaq fid-dawl kemm tal-prinċipju ġenerali ta' tpaċija kif ukoll ta' l-Artikolu 56 tal-KIFS. Infakkar li l-Artikolu 56 tal-KIFS jeħtieġ li Parti Kontraenti li tibda proċedimenti kriminali kontra persuna li l-kawża tagħha, fir-rigward ta' l-istess azzjonijiet, tkun inqatgħat definittivament f'Parti Kontraenti oħra, għandha tnaqqas minn kull piena imposta kull perijodu ta' detenzjoni infurzat fil-Parti Kontraenti ta' l-aħħar li jirriżulta minn dawk l-azzjonijiet. Dik id-dispożizzjoni teħtieġ ukoll li l-Istati Membri, safejn ikun possibbli taħt il-liġi nazzjonali, iqisu l-pieni li ma jinvolvux teħid ta' liberta.

56. Fis-seduta, il-Kummissjoni għamlitha ċara li fil-fehma tagħha l-Artikolu 56 tal-KIFS kien jirrifletti prinċipju ġenerali tal-liġi kriminali, jiġifieri l-prinċipju ta' proporzjonalità, li japplika għal kwalunkwe sitwazzjoni fejn ma japplikax il-prinċipju ta' *ne bis in idem* fl-Artikolu 54 tal-KIFS.

57. Dak l-argument kien oppost bil-qawwa kollha mill-Olanda. Hija argumentat li l-prinċipju ta' tpaċija li jinsab fl-Artikolu 56 tal-KIFS huwa limitat għal każijiet fejn japplikaw id-derogi ta' l-Artikolu 55(1) tal-KIFS. Fi kwalunkwe każ ieħor, jekk japplikax dak il-prinċipju hija kwistjoni ta' liġi nazzjonali. Jekk wieħed jaċċetta l-argument tal-Kummissjoni jkun qisu qed jagħti lok għal armonizzazzjoni moħbija tal-liġi kriminali nazzjonali, b'tali mod li jeludi d-dispożizzjonijiet tal-KIFS.

30 — Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 27 aktar 'il fuq.

58. Ma nista' nsib l-ebda rabta testwali jew loġika bejn l-Artikoli 55 u 56 tal-KIFS li ssostni tali interpretazzjoni. B'mod aktar fundamentali, jiena ta' l-istess fehma bħall-Kummissjoni li hemm prinċipju ġenerali ta' tpaċija [31] fil-liġi ta' l-UE li jipprovdi li l-pieni preċedenti għandhom jittieħdu in kunsiderazzjoni jekk min wettaq ir-reat jiġi ppenalizzat f'kawża oħra għall-istess azzjonijiet [32].

59. Safejn stajt naċċerta ruħi, mhux biss il-liġi kriminali ta' kull Stat Membru fiha varjazzjonijiet ta' dan il-prinċipju [33], imma l-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet ukoll l-eżistenza tiegħu fil-kuntest ta' l-applikazzjoni konkorrenti ta' sanzjonijiet nazzjonali u Komunitarji fil-liġi tal-kompetizzjoni. F'Wilhelm il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li jekk "il-possibbiltà li żewġ kawżi li qed jitmexxew separatament twassal għall-impożizzjoni ta' sanzjonijiet konsekuttivi [għall-istess azzjonijiet], rekwiżit ġenerali tal-ġustizzja naturali ... jitlob li sabiex tkun iddeterminata kwalunkwe sanzjoni li għandha tiġi imposta għandha tittieħed in kunsiderazzjoni kwalunkwe deċiżjoni punitiva preċedenti" [34]. Din il-ġurisprudenza kienet ikkonfermata aktar tard f'Boehringer Mannheim, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "fl-iffissar ta' l-ammont ta' multa, il-Kummissjoni għandha tqis il-penali li diġà batiet l-istess impriża għall-istess azzjoni, fejn il-penali ġew imposti għal ksur tal-liġi dwar il-kartelli ta' Stat Membru u, għaldaqstant, twettqu fit-territorju Komunitarju" [35]. Il-Qorti tal-Prim'Istanza segwiet din il-ġurisprudenza b'mod kostanti [36].

60. Għalkemm il-ġurisprudenza dwar dan il-punt għadha ma ġietx stabbilita [37], jiena tal-fehma li l-prinċipju ta' tpaċija jista' jiġi interpretat bħala prinċipju ġenerali tal-liġi kriminali fl-Istati Membri kollha, u b'estensjoni, bħala prinċipju ġenerali tal-liġi Komu-

31 — Dan il-prinċipju jissejjaħ ukoll il-prinċipju tal-'kunsiderazzjoni' (ara, per eżempju, M. Fletcher, 'Some developments to the *ne bis in idem* principle in the EU: *Criminal proceedings against Hüssein Gözütok and Klaus Brügge*' (Xi żviluppi fil-prinċipju ta' *ne bis in idem* fl-UE: *Il-kawżi kriminali kontra Hüssein Gözütok u Klaus Brügge*) [2003] 66 *Modern Law Review* 769, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5) jew il-'prinċipju tal-kontabbiltà' (ara J. Vervaele, 'The transnational *ne bis in idem* principle in the EU: Mutual Recognition and equivalent protection of human rights' (Il-prinċipju transnazzjonali ta' *ne bis in idem* fl-UE: Ir-Rikonoxximent Reċiproku u l-protezzjoni ekwivalenti tad-drittjiet tal-bniedem), (2005) *Utrecht Law Review* Vol. I, Ħarġa 2 (Diċembru) 100, f'106 u 107).

32 — Filwaqt li qed ngħid dan, irrid nagħmilha ċara li jiena nifhem u naqsam it-tħassib sottostanti ta' l-Olanda li l-armonizzazzjoni tal-liġi kriminali m'għandhiex issir b'mod indirett (ara, f'dan is-sens, il-Konklużjonijiet tiegħi f'Gasparini *et*, iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 12 aktar 'il fuq). Kif se nispjega aktar 'l isfel, jidhirli li l-oriġini fil-liġi KE ta' prinċipju ġenerali ta' tpaċija dderivat mir-rekwiżiti tal-ġustizzja naturali jistgħu jiġu traċċati lura għall-1969 u għas-sentenza tat-13 ta' Frar 1969, Wilhelm *et* (14/68, Ġabra p. 1).

33 — Ara wkoll il-punti 64 sa 70 tal-Konklużjonijiet tiegħi fi Kretzinger, iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8.

34 — Iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 32 aktar 'il fuq, punt 11.

35 — Sentenza ta' l-14 ta' Diċembru 1972 (7/72, Ġabra p. 1281, punt 3).

36 — Ara, per eżempju, is-sentenza tad-9 ta' Lulju 2003, Archer Daniels Midland u Archer Daniels Midland Ingredients vs Il-Kummissjoni (T-224/00, Ġabra p. II-2597, punt 87 u l-ġurisprudenza ċċitata hemmhekk). Ara wkoll is-sentenza tas-27 ta' Settembru 2006, Roquette Frères vs Il-Kummissjoni (T-322/01, Ġabra p. II-3937, punti 279 sa 292).

37 — Minkejja r-referenza li saret fil-ġurisprudenza preċedenti għar-rekwiżiti tal-'ġustizzja naturali', li fil-fehma tiegħi bilfors jimplikaw li l-prinċipju ta' tpaċija huwa ta' applikazzjoni universali, il-Qorti tal-Ġustizzja ma kinitx lesta li taċċetta b'mod espliċitu li tali prinċipju jobbliga lill-Kummissjoni li tpaċi piena imposta minn pajjiż terz meta tiddetermina penali skond ir-regoli Komunitarji tal-kompetizzjoni. F'żewġ kawżi reċenti ta' appell, il-Qorti tal-Ġustizzja la kkonfermat u lanqas ċaħdet in-natura universali tal-prinċipju ta' tpaċija, imma solviet il-kawżi fuq bażijiet oħra. Ara s-sentenza ta' l-Ewwel Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Mejju 2006, Archer Daniels Midland u Archer Daniels Midland Ingredients vs Il-Kummissjoni (C-397/03 P, Ġabra p. I-4429, punt 52); it-Tieni Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja applikat metodu simili fis-sentenza tagħha tad-29 ta' Ġunju 2006, SGL Carbon vs Il-Kummissjoni (C-308/04 P, Ġabra p. I-5977, punt 27). Fil-punt 33 ta' l-istess sentenza, madankollu, jidher li l-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod impliċitu, ċaħdet in-natura universali tal-prinċipju ta' tpaċija.

nitarja li joħroġ mir-rekwiżiti tal-ġustizzja naturali u mill-prinċipju ta' proporzjonalitá fil-ġustizzja kriminali[38].

61. Il-prinċipju ta' tpaċija, fil-fehma tiegħi, huwa kunċettwalment distint mill-prinċipju ta' *ne bis in idem*, anki jekk it-tnejn huma manifestazzjonijiet ta' rekwiżit ġenerali tal-ġustizzja naturali jew tal-ġustizzja fil-kawżi kriminali[39]. Mid-definizzjoni tiegħu, il-prinċipju ta' tpaċija huwa rilevanti biss meta l-prinċipju ta' *ne bis in idem*, għal kwalunkwe raġuni, *ma jkunx* applikabbli anki jekk il-fatti li jiffurmaw il-bażi tal-prosekuzzjoni jkunu l-istess[40]. Altrimenti, l-qorti adita bit-tieni kawża, ikollha twarrab dik il-kawża bħala kuntrarja għall-prinċipju ta' *ne bis in idem*.

62. Minn dak li ntqal aktar 'il fuq jirriżulta li l-Artikolu 56 tal-KIFS sempliċement jikkodifika l-prinċipju ta' tpaċija għall-finijiet ta' Schengen. Jekk għandi raġuni, jirriżultaw żewġ konsegwenzi minn din il-konklużjoni. L-ewwel nett, apparti mill-Artikolu 56 tal-KIFS, il-prinċipju ta' tpaċija jibqa' japplika bħala prinċipju ġenerali tal-liġi Komunitarja. It-tieni nett, bħala prinċipju ġenerali tad-dritt, dan il-prinċipju huwa aktar importanti mill-Artikolu 56 tal-KIFS fil-ġerarkija tan-normi. Għalhekk, il-fatt li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni huwa limitat għal pieni ta' detenzjoni jiġi sostitwit mill-kamp ta' applikazzjoni aktar wiesa' tal-prinċipju ġenerali: il-pieni kollha imposti u skontati għall-istess azzjonijiet fl-ewwel Stat Membru għandhom jittieħdu in kunsiderazzjoni fil-kawża fit-tieni Stat Membru.

63. Għalhekk, sempliċiment bħala kwistjoni tal-liġi ta' l-UE, meta ma japplikax il-prinċipju ta' *ne bis in idem* il-qrati kriminali nazzjonali fl-istadju ta' l-għoti tas-sentenza huma marbuta li jqisu l-pieni, kemm jekk jinvolvu detenzjoni u kemm jekk le, li diġà ġew imposti u skontati (jew sodisfatti b'mod ieħor) mill-imputat fi Stati Membri oħra għall-istess azzjonijiet. Dan ikun il-każ fejn tapplika waħda mid-derogi fl-Artikolu 55 tal-KIFS, imma anki fejn il-kawża fl-ewwel Stat Membru tkun inqatgħat imma l-kundizzjoni ta' l-infurzar fl-Artikolu 54 tal-KIFS ma ġietx sodisfatta[41].

38 — Dan il-prinċipju ġie inkluż bħala dritt fundamentali fl-Artikolu II-109(3) ta' l-Abbozz tal-Kostituzzjoni ta' l-UE, jiġifieri, bħala parti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni. Din id-dispożizzjoni li hija intitolata, 'Prinċipji ta' legalità u proporzjonalità ta' reati u ta' pieni' tipprovdi li '[i]s-severità tal-piena m'għandhiex tkun sproporzjonata għar-reat'.

39 — Fl-istess sens, ara l-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer f'Van Straaten, iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 12 aktar 'il fuq, punt 58. Din hija wkoll il-pożizzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja jidher li segwiet b'mod impliċitu f'SGL Carbon vs Il-Kummissjoni u f'Archer Daniels Midland u Archer Daniels Midland Ingredients vs Il-Kummissjoni., it-tnejn li huma ċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 37 aktar 'il fuq. L-affinità kbira bejn dawn iż-żewġ prinċipji tista' tispjega wkoll għaliex l-Artikolu 56 tal-KIFS huwa inkluż, flimkien ma' l-Artikolu 54, fil-Kapitolu 3 tat-Titolu III tal-KIFS, taħt it-titolu 'Applikazzjoni tal-prinċipju *ne bis in idem*'. Madankollu, kif issuġġerejt fin-nota ta' qiegħ il-paġna 29 tal-Konklużjonijiet tiegħi fi Kretzinger, dan m'għandux ibiddel il-konklużjoni li dawn il-prinċipji jikkostitwixxu żewġ prinċipji awtonomi tal-liġi ta' l-UE. Ara wkoll, J-L. de la Cuesta "Concurrent national and international criminal jurisdicition and the principle 'ne bis in idem' — general Report [of the XVII International Congress of Penal Law] (Ġurisdizzjoni kriminali nazzjonali u internazzjonali konkurrenti u l-prinċipju 'ne bis in idem' - Rapport ġenerali [tal-XVII Kungres Internazzjonali tal-Liġi Penali]", *International Review of Penal Law*, Vol. 73, 2002/3 -4, 707, f'p. 717 u f'p. 724

40 — Ara l-punt 63 aktar 'l isfel.

41 — Ara l-konklużjonijiet tiegħi fi Kretzinger, iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8 aktar 'il fuq, punt 72.

64. Madankollu, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ma taċċettax il-proposta li hemm tali prinċipju ġenerali ta' tpaċija, fil-fehma tiegħi huwa ċar li, ikun xi jkun il-każ, għandu japplika l-Artikolu 56 tal-KIFS. L-Istati Membri li huma partijiet għall-ftehim ta' Schengen huma meħtieġa li jpaċu kwalunkwe perijodu preċedenti ta' detenzjoni li skonta l-imputat fi Stati Membri oħra fil-konfront ta' kwalunkwe sentenza ta' kustodja imposta fil-kuntest ta' Schengen.

65. Hawnhekk ma naqbilx ma' l-interpretazzjoni restrittiva ta' l-Artikolu 56 tal-KIFS min-naħa tal-Gvern Olandiż. Ma hemm xejn fit-termini wiesgħa ta' dik id-dispożizzjoni li jindika li l-kamp ta' applikazzjoni tagħha huwa limitat għal każijiet fejn japplika l-Artikolu 55(1) tal-KIFS. Għall-kuntrarju, interpretazzjoni litterali tissuġġerixxi b'mod ċar li l-Artikolu 56 għandu japplika għal każijiet fejn, għal kwalunkwe raġuni, fi Stat Membru jinbdew proċedimenti kriminali fil-konfront ta' l-istess imputat minkejja l-fatt li l-kawża tiegħu għall-istess azzjonijiet kienet inqatgħet fi Stat Membru ieħor [42].

66. Ovvjament, l-analiżi preċedenti tapplika meta l-imputat ikun is-suġġett ta' proċedimenti kriminali u jkun ikkundannat għall-istess azzjonijiet għal darb'oħra fi Stat Membru ieħor u ma jistax jinvoka l-Artikolu 54 tal-KIFS. Meta jinstab li l-azzjonijiet ma kinux l-istess, ma jkun hemm l-ebda obbligu taħt l-Artikolu 56 tal-KIFS, jew, kif argumentajt, taħt il-prinċipju ġenerali ta' tpaċija.

42 — Ara l-punt 63 aktar 'il fuq.

67. Għall-finijiet ta' kompletezza, inżid ngħid li l-liġi ta' l-UE ma twaqqafx lill-qrati nazzjonali li quddiemhom tinstema' t-tieni kawża milli japplikaw regoli nazzjonali aktar ġenerużi dwar l-għoti ta' sentenza f'ċirkustanzi fejn l-Artikolu 54 jew 56 tal-KIFS — jew il-prinċipji inklużi fihom — ma jkunux applikabbli minħabba li jinstab li l-azzjonijiet quddiem il-qorti nazzjonali mhumiex 'l-istess azzjonijiet' bħal dawk meqjusa mill-qorti li semgħet l-ewwel kawża.

68. Din il-konklużjoni ssegwi mill-prinċipji ġenerali tas-sussidjarjetà u ta' l-attribuzzjoni tal-poteri. Barra minn hekk, kif tosserva l-Kummissjoni, l-Artikolu 56 *in fine* u l-Artikolu 58 tal-KIFS jippermettu b'mod espliċitu li l-Istati Membri japplikaw il-liġi nazzjonali li tinkludi interpretazzjoni aktar ġeneruża tal-prinċipji ta' *ne bis in idem* u ta' tpaċija fil-kuntest ta' l-*acquis* ta' Schengen.

69. Għaldaqstant, jiena nqis li l-kunċett ta' 'l-istess azzjonijiet' fl-Artikoli 54 u 56 tal-KIFS ikopri fatti li huma anċillari jew addizzjonali għall-azzjonijiet prinċipali li huma s-suġġett tal-kawża fl-ewwel Stat Membru, imma li ma kinux huma nfushom meqjusa f'dik il-kawża, jekk dawn l-azzjonijiet huma inseparabbilment marbuta bejniethom fiż-żmien, fl-ispazju kif ukoll permezz tas-suġġett tagħhom. Ma hemm xejn fil-liġi ta' l-UE li jwaqqaf lill-Istati Membri milli japplikaw fil-konfront ta' min iwettaq reat regoli kriminali aktar favorevoli minn dawk meħtieġa skond l-Artikoli 54 sa 57 tal-KIFS.

## Konklużjoni

70. Fid-dawl ta' dak li ntqal aktar 'il fuq, jiena nqis li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċidi kif ġej b'risposta għad-domandai li għamlet il-Hof van Cassatie:

"— Il-frażi 'l-istess azzjonijiet' fl-Artikoli 54 u 56 tal-KIFS tirreferi għall-identiċità tal-fatti materjali, mifhuma bħala ġabra ta' ċirkustanzi konkreti inseparabbilment marbuta bejniethom fiż-żmien, fl-ispazju kif ukoll permezz tas-suġġett tagħhom. L-Artikolu 71 tal-KIFS jew l-Artikolu 36(2) tal-Konvenzjoni Unika dwar Drogi Narkotiċi tan-NU ta' l-1961 ma jaffettwax din l-interpretazzjoni.

— L-eżistenza ta' intenzjoni kriminali komuni tista' tkun rilevanti sabiex ikun evalwat jekk dawn it-tliet kriterji ġewx sodisfatti, imma mhijiex kriterju minnha nfisha.

— Azzjonijiet li huma anċillari jew addizzjonali għall-azzjonijiet prinċipali li huma s-suġġett tal-kawża fl-ewwel Stat Membru, imma li huma stess ma tqisux f'dik il-kawża, jaqgħu taħt il-kunċett ta' 'l-istess azzjonijiet' għall-finijiet ta' l-Artikoli 54 u 56 tal-KIFS jekk dawn l-azzjonijiet jkunu inseparabbilment marbuta bejniethom fiż-żmien, fl-ispazju kif ukoll permezz tas-suġġett tagħhom.

— Fi kwalunkwe każ, il-liġi ta' l-UE ma twaqqafx lil Stat Membru milli japplika regoli aktar favorevoli fil-konfront ta' min iwettaq reat minn dawk meħtieġa skond l-Artikoli 54 u 56 tal-KIFS."